MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Numru 807/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**
**VS**
**RAYMOND ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Raymond Abela, ta' 36 sena, iben Joseph u Carmen nee' Cortis, imwieled l-Awstralia fit-30 ta' Settembru, 1966, residenti Numru 14, Carisma, Triq l-Emigranti, Naxxar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 126583(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-25 ta' Settembru 2002 ghal-habta tal-11:35a.m. fin-Naxxar:

a) Flimkien ma' persuni ohra kkommetta serq ta' somma flus kontanti kif ukoll numru ta' top-up vouchers tat-telefon cellulari u numru tal-biljetti tal-lotterija u xi

dokumenti ohra mill-Banka tal-Lottu Numru 176 sitwata fi Vjal il-21 ta’ Settembru, Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, lok u valur li jeccedi l-Lm1,000 u dan sar ghad-detriment ta’ Carmen Fenech min-Naxxar u/jew persuni ohra;

b) Flimkien ma’ persuni ohra bla ordni skond il-Ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta l-hati, arresta, zamm, jew issekwestra diversi persuni kontra l-volonta’ taghhom li lkoll kienu fil-Banka tal-Lottu msemmija;

c) Fil-hin ta’ l-imsemmija delitti flimkien ma’ persuni ohra kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, rma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

d) Illi huwa akkuzat ukoll talli fit-23 ta’ Settembru 2002 f’xi hin wara nofsinhar f’Hal-Ghaxaq ikkommetta serq ta’ vetura ta’ l-ghamla Toyota Corolla bin-numru tar-registrazzjoni KAQ 048, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-Lm1,000 u x-xorta tal-haga misruqa u dan sar ghad-dannu ta’ Mario Galea minn Hal-Ghaxaq;

e) Illi huwa akkuzat ukoll talli fit-23 ta’ Settembru 2002 u fil-granet ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

f) Illi huwa akkuzat ukoll talli fil-25 ta’ Settembru 2002, fin-Naxxar u f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer gar u zamm arma tan-nar u munizzjon minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

g) Fl-ahhar nett huwa akkuzat ukoll talli sar ricediv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 16 ta’ Gunju 1998, 18 ta’ Marzu 1999 u 30 ta’ Marzu 1999, kif ukoll b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 29 ta’ April 1999.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.367) fejn din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 3 ta’ Mejju 2006 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta’ l-Ispettur Geoffrey Azzopardi (a fol.21) jirrizulta illi fid-data citata fic-citazzjoni, l-Pulizija rceviet rapport ta’ *hold-up* minn banka tal-lottu ‘176’ ta’ Vjal it-21 ta’ Settembru fin-Naxxar. Michael Fenech, sid din il-banka tal-lottu kien qieghed jaqdi lin-nies mal-mara u t-tifel tieghu meta waqfet karozza KAQ 048, Toyota Corolla tal-lewn abjad u nizlu zewgt (2) irgiel mghammda, wiehed minnhom b’senter isserrat. Dan beda jghajjat “H*old-up hold-up!”* filwaqt li t-tieni wiehed qabez il-*counter* ghal flus. Michael Fenech tahom kull ma kellu, flimkien ma’ bagalja zghira bil-*vouchers* tal-Vodafone u Go Mobile. Kif hargu l-hallelin, kien hemm koppja fuq mutur, li raw dan il-*hold-up* u segwew lil din il-karozza KAQ 048, sakemm wiehed mill-hallelin ipponta s-senter fid-direzzjoni taghhom. Ftit wara l-karozza KAQ 048 instabet fi Triq Seneskalk, Naxxar, liema karozza kienet giet misruqa minn Hal Ghaxaq, jumejn qabel. Sid din il-karozza u cioe Mario Galea kien irraportaha nieqsa fit-23 ta’ Settembru.

Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta li Edward Camilleri ra lil vettura KAQ 408 tieqaf, nizlu tlett (3) irgiel u rikbu f’karozza ohra (Opel Corsa tal-lewn abjad) li kienet ipparkjata fuq il-parti l-ohra tat-triq. Spettur Azzopardi xehed li f’dan il-mument kien hemm xi nies minn ‘*Estate Agency*’ li raw dana kollu u ghalhekk il-Pulizija hejjiet *identification parade*. Spettur Azzopardi xehed li kienet

dahlitilhom informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien involut f'din il-*hold-up*. Irrizulta wkoll illi l-imputat kellu karozza Opel Corsa HAE 037. L-imputat gie arrestat u t-tfittxija fuqu u fuq il-karozza tieghu kienet fin-negattiv. L-imputat, b'mod verbali, ta lil Pulizija, dettalji ta' fejn kien fid-data in kwistjoni u cioe li huwa mar jirregistra ghax-xoghol fil-*labour office* tan-Naxxar imbaghad kien fil-*billiard hall* quddiem il-knisja tal-Mosta. Fl-istqarrija tieghu (Dok.GA a fol.41), pero', ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda li saritlu hlief li kkonferma l-*mobile number* tieghu li huwa 99867795. L-imputat gie rilaxxat u l-Pulizija kisbu awtorizazzjoni mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jiksbu informazzjoni mill-Go Mobile u Vodafone ghal rigward ta' *top-up vouchers* li kienu nsterqu fil-*hold-up*. Spettur Azzopardi ezebixxa l-*invoices* ghal rigward tat-*top-up vouchers* u n-numri taghhom.

Mill-informazzjoni miksuba mill-Vodafone rrizuta li ftit mumenti wara li sehh il-*hold-up*, Raymond Abela, bil-*mobile* tieghu, irregistrat f'ismu u precizament fl-12:28pm, 12:29pm u 12:31pm, ghabba fil-*mobile* tieghu tlett (3) *top-up cards* ta' hames liri (Lm5) kull wiehed, liema *top-up cards* kienu ghadhom kemm jigu misruqa fil-*hold-up*.

L-Ufficjal Prosekutur xehed illi in segwitu ta' din l-informazzjoni, l-Pulizija accedew fid-dar residenzjali ta' l-imputat biex jarrestawh, pero' ma sabuhx hemm. L-imputat wasal id-depot tal-Pulizija fis-sitta ta' filghaxija minn jheddu. A fol.27 u 28, l-Ufficjal Prosekutur spjega kif l-imputat rega kkonferma t-*telephone number* tieghu u kif l-Ispettur Azzopardi xtaq jiftah il-*mobile* ta' l-imputat, sab diffikulta' biex jaghmel dan u l-imputat offra l-assistenza tieghu u minnufih qasam is-*SIM card* tal-*mobile phone.* Din is-*SIM card* maqsuma tinsab ezebita in atti.

Fit-tieni stqarrija tieghu (Dok.GA1 a fol.43), l-imputat ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda li saritlu.

L-*identification parade* giet ezebita bhala Dok.GA2 (a fol.45), l-iinvoice tat-*top-up vouchers* mixtrija mill-Lotto Office '176' tinstab ezebita bhala Dok.GA3 (a fol.46 u fol.47), id-dettalji tal-proprjetarju tal-karozza Opel Corsa

HAE 037 qed jigu ezebiti bhala Dok.GA4 (a fol.48) u l-elenku tar-res furtiva tinstab ezebita bhala Dok.GA7 (a fol.49).

Michael Fenech ikkonferma r-rapport tieghu dwar *hold-up* fil-banka tal-Lottu u x-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur dwar id-dettalji ta’ kif sehhet. Kompla jghid li huwa ma setgha jarah ebda persuna li hadet sehem f’dan il-*hold-up* izda li kien jaf lill-imputat u lil ‘Razztu’ il-ghaliex huwa kien gara ta’ ommu, meta kienu tfal. Michael Fenech innega illi rrikonoxxa xi vuci ta’ xi hadd mill-hallelin. Ikkonferma illi huma kellhom it-*top-up cards* tal-Vodafone u tal-Go Mobile fil-banka tal-Lottu.

Carmen Fenech (a fol.57) ikkonfermat ix-xhieda ta’ zewgha u cioe li kienu dahlu zewgt (2) irgiel mghammda b’balaklava u wiehed minnhom armat u talabhom il-*cash* u li ha kollox inkluz it-*top-up cards* u kkonfermat id-dokument GA7. A fol.68, Carmen Fenech xehedet illi ma gharfitx il-vuci ta’ ebda wiehed mill-hallelin.

Glen Fenech, iben il-kojugi Fenech, xehed li wiehed mill-hallelin kien twil xi *five foot* eight *inches* (5”8’) waqt li r-ragel l-iehor kien itwal minnu, kien mghammad ukoll u armat b’senter. Xehed li kien it-twil li talab ghal flus. Glen Fenech xehed li ma gharafx il-vuci.

PS 562 Portelli (a fol.70) ikkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat (Dok.GA1). Ikkonferma wkoll il-mod, kiesah u biered, li bih, l-imputat qabad is-*SIM card* tal-*mobile* tieghu u qasamha.

Superintendent Pierre Calleja kkonferma r-rapport tal-*hold-up* f’*Lotto Office* fin-Naxxar u x-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur. Ikkonferma illi waqt l-istqarrija ta’ l-imputat kien hemm mumenti fejn huwa kien prezenti. Huwa xehed li kien ta struzzjonijiet lill-Ispettur Azzopardi sabiex jintavola rikors quddiem il-Magistrat Inkwirenti sabiex il-Pulizija tottjeni informazzjoni dwar it-*top-up vouchers* misruqa mill-*Lotto Office* u kkonferma illi l-*mobile phone* ta’ l-imputat, 99867795, kien ittopja tlett (3) *top-up vouchers* fit-12:28p.m., 12:29p.m. u 12:31p.m. tal-gurnata

stess illi fih sehh il-*hold-up.* Ikkonferma illi rega gie arrestat Raymond Abela pero’ ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda.

A fol.80, l-imputat xehed bil-gurament illi huwa xtara t-*top-up vouchers* fil-25 ta’ Settembru 2002 minghand Jason ‘il-Bennej’ minn Bugibba li ghandu Subaru J10 tal-lewn abjad.

Jonathan Camilleri (a fol.83) xehed illi huwa kien xoghol fil-25 ta’ Settembru 2002 u bejn il-hdax u nofsinhar nizlet Toyota Station Wagon tal-lewn abjad, magla, waqfet, hargu tlett (3) minn nies, dahlu go karozza Opel Corsa tal-lewn abjad u telqu. Dawn il-persuni kienu *medium built* u twal. Camilleri ma gharafx lill-imputat u xehed illi ma setghax jara wicc dawn it-tlett (3) irgiel minn fejn kien.

Jose’ Abela (a fol.111) ikkonferma l-vettura KAQ 048 kienet Toyota Corolla, proprjeta’ta’ Mario Galea ID *card number* 178458(M).

PS 836 Alexander Taliana kkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat (a fol.41).

WPC 80 Rachel Bonnici kkonfermat illi l-imputat ma kellux licenzja ta’ arma tan-nar.

Marica Caruana, deputat registratur, ezebiet process verbal Dok.MC

Dr.Clair Cassar (a fol.119) ikkonfermat illi *subscriber* 99867795 ezebiet Dok.CC, CC1 u CC2, u cioe dettalji ta’ l-imputat kif ukoll dettalji ta’ *top-up vouchers*.

Frank Pavia kkonferma x-xhieda illi huwa ta fl-inkjesta. Ikkonferma illi kien mar fil-banka tal-lottu fin-Naxxar biex jixtri *ticketi,* flimkien mal-mara tieghu. Pavia ma gharafx lill-imputat.

Mario Galea (a fol.137) ikkonferma li l-karozza tieghu *van* Toyota Corolla KAQ 048 kienet insterqet fit-23 ta’ Settembru 2004 u kkonferma x-xhieda li ta fl-inkjesta.

Spettur Simon Galea kkonferma r-rapport (a fol.4 tal-process verbal).

Perit Richard Aquilina ezebixxa Dok.RA (a fol.149 et seq.)

PS 659 Jeffrey Hughes (a fol.159) ezebixxa r-relazzjoni tieghu konsistenti f'faxxikolu ta' ritratti, *lifters* u inpronti digitali (a fol.162 sa fol.195)

Joseph Zammit (a fol.196) ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok.JZ

Dr. Chris Soler (a fol.220) ikkonferma r-relazzjoni ezebita (a fol.9 tal-process verbal).

Saviour Buhagiar (a fol.222) ikkonferma x-xhieda li huwa ta fl-inkjesta u ddikjara li kien prezenti waqt li sehh il-*hold-up* fil-banka tal-lottu tan-Naxxar, li kien hemm zewgt (2) irgiel b'balaklava, wiehed ta' statura medja u iehor ftit anqas u kkonferma li d-*driver* li baqa' fil-karozza kellu maskra minn dawk li s-soltu jintuzaw minn *panel beaters* u *spray-painters*.

Matthew Mangion xehed li kien qieghed fil-bieb tal-banka tal-lottu meta dahlu tnejn (2) u wiehed minnhom ghamel senter ma' wiccu. Xehed illi dan kellu ghajnejh kannella, illi huwa, dak il-hin stess dar u telaq jigri. Huwa xehed illi wiehed minn dawn l-irgiel kien twil xi sitt (6) piedi u li kien irqiq u iehor kien twil daqsu.

Spettur Geoffrey Azzopardi ezebixxa tlettax (13) sett ritratti (GAZ1 sa Dok.GAZ13 a fol.232).

L-imputat Raymond Abela (a fol.233) indika r-ritratt Dok.GAZ8 bhala l-persuni ta' Jason 'il-Bennej' illi kien bieghelu t-*top-up vouchers*.

Spettur Geoffrey Azzopardi (a fol.235) interroga l-persuna li tidher fir-ritratt Dok.GAZ8, li nnega kategorikament dak li qal Raymond Abela. Spettur Azzopardi xehed li Jason

Abela qallu li kien jaf lil Raymond Abela di vista u li qatt ma tkellem mieghu.

Victoria Cacciattolo (a fol.247) ikkonfermat illi hija u r-ragel taghha kienu bil-mutur fin-Naxxar, meta semghu ghajjat kbir u raw tlett (3) irgiel mghammda, hergin mill-Banka tal-Lottu. Hadu n-numru tar-registrazzjoni tal-karozza taghhom u segwewhom izda ftit mumenti wara wiehed mill-hallelin ipponta l-arma tan-nar fid-direzzjoni taghhom u ghaldqstant huma waqfu. Il-Pulizija tawhom dan in-numru. Cacciattolo kkonfermat ix-xhieda taghha (a fol.28 tal-process verbal).

Catherine Zammit (a fol.250) xehedet illi sabet ammont ta' affarijiet fil-*cupboard* tal-*meter* tad-dawl taghha fi *block* ta' sitt (6) *flats*.

Anthony Zammit ikkonferma x-xhieda ta' martu (a fol.253) fejn instabu xi *cards*, *mobiles* u affarijiet simili fil-*cupboard* tal-*meter* tad-dawl li ma jissakkarx fil-*flats* taghhom.

Adriana Debono (a fol.257) ikkonfermat illi l-Pulizija kienu wettqu tfittxija fl-armarju tal-*meters* tad-dawl tal-*block* tal-*flats* taghhom, liema armarju ma jissakkarx.

Lenard Debono (a fol.260) ikkonferma l-istess fatti.

Robert Cacciattolo (a fol.278) spjega illi huwa kien tiela bil-mutur fin-Naxxar meta nduna illi kien ghadu kemm twettaq *hold-up* u ghaldaqstant huwa segwa lil vettura Toyota ta' lewn abjad bil-mutur tieghu, pero' ftit wara, wiehed mill-hallelin ipponta s-senter lejn id-direzzjoni tieghu u ghaldaqstant waqaf. Ikkonferma x-xhieda illi huwa ta fl-inkjesta.

Jason Abela (a fol.285) wara li nghata twissija skond il-Ligi, innega li huwa qatt bieh xi *mobile phones* jew xi *top-up cards* lil Raymond Abela, persuna, li "*lanqas biss nafu minn Adam u Eva*."

Dr. Clair Cassar (a fol.288) ezebiet Dok.CC u kkonfermat illi n-numru tal-*mobiles* 99857795 kien ta’ Raymond Abela ID *number* 126583(M) u ezebiet Dok.CC1

Spettur Geoffrey Azzopardi (a fol.297) ezebixxa erba’ (4) sentenzi (Dok.GA8 sa Dok.GA11) fil-konfront ta’ l-imputat.

Fit-tieni xhieda tieghu, Jason Abela, ikkonferma l-ewwel xhieda tieghu u zied jghid illi mhux biss ma kienx jiffrekwenta l-*billiard hall* tal-Mosta izda qatt ma dahal fiha.

Albert Caruana, *barman*, fil-*billiard hall* tal-Mosta, ikkonferma li l-imputat beda jiffrekwenta din il-*billiard hall* fis-sena April 2003.

Stephen Schembri, *part-timer* fl-istess *billiard hall,* ikkonferma illi Jason Abela ma jafux u li ftit li xejn ra lill-imputat il-*billiard hall* tal-Mosta.

Spettur Carmelo Micallef (a fol.337) identifika lill-imputat ghal rigward tas-sentenza ezebita (a fol.311).

Christopher Darmanin (a fol.338) ikkonferma li l-karozza Opel Corsa tal-lewn abjad HAE 037 kienet ta’ l-imputat Raymond Abela minn Lulju tas-sena 1999.

Anthony Schembri (a fol.369) xehed fil-rigward ta’ Programm ta’ Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga.

Superintendent Neville Xuereb (a fol.371) iddentifika lill-imputat ghal rigward tas-sentenza ezebita (a fol.303).

L-imputat Raymond Abela (a fol.378) xehed illi fil-gurnata ta’ l-incident huwa kien nizel jiffirma l-Ghassa tan-Naxxar, wara mar jirregistra mbaghad nizel jilghab il-*billiard* fil-kazin tal-Mosta. Huwa xehed li ghal habta ta’ wara nofsinhar, kien gie Jason Abela, ‘il-Bennej’, b’Subaru J10 u bieghelu tlett (3) *top-up cards* ta’ hames Lira Maltin (Lm5) kull wiehed bi prezz globali ta’ sebgha Lira Maltin (Lm7). Raymond Abela xehed li kien jaf lil Jason xi tlett (3) snin il-ghaliex it-tnejn kienu jiehdu d-droga eroina. Mistoqsi kemm-il darba, la Jason Abela kien *drug addict*,

issuspettax li dawn it- *top-up cards* setghu kellhom provenjenza illecita', l-imputat xehed:

*"Ifhimni jien mhux ser nidhol fi specifikament x'kienu u ma kienux, jiena l-interess tieghi li ser nixtri tlett cards u flok ma nonfoq fifteen pounds ser nonfoq nofs il-prezz"*.

In kontro ezami, l-imputat kien *drug addict* u ma tantx kien iqis dawn l-affarijiet. Mitlub jghid il-ghaliex ma tax din l-informazzjoni l-ewwel darba, fl-ewwel stqarrija tieghu lil Pulizija, l-imputat xehed illi f'ebda hin fl-ewwel stqarrija ma gie mistoqsi fuq *top-up cards*. L-imputat baqa jinsisti illi l-*cards* kien xtarhom minghand Jason Abela. L-imputat ikkonferma li meta huwa kien arrestat kien hemm il-habs ukoll Neol Frendo, habib tieghu, li kellu kwistjoni ma' Jason Abela il-ghaliex dan kien kixef lil Noel Frendo dwar *hold-up*. A fol.383, meta giet moqrija t-tieni stqarrija lill-imputat (a fol.41 u fol.42) fejn gie rinfaccjat bit- *top-up vouchers*, l-imputat xehed li huwa ma tax l-informazzjoni dwar Jason Abela lil Pulizija, ghaliex din irid jaghmilha quddiem il-Qorti. Huwa xehed illi huwa qasam is-*SIM card* il-ghaliex kienet tikkontjeni hafna numri privati tieghu. A fol.385, l-imputat jghid illi kien jaf li Jason Abela kien involut f'*hold-ups* qabel ma xtara it- *top-up vouchers* minghandu. Innega li qatt kellu arma jew li kien jaf xi haga fuq il-karozza KAQ 048.

Dr. Montebello (a fol.388 et seq.) kkonferma li l-imputat kien residenti s-SATU u li kien ippartecipa fi shih fi Programm ta' Rijabilitazzjoni Kontra d-Droga.

Ikkonsidrat:

Fil-kaz in ezami, l-fatti spece li jiccirkondaw dan il-kaz, certament jaghmluha necessarja sabiex din il-Qorti tezamina u tikkonsidra t-tejorija ta' *recent possession* u kemm-il darba din tapplikax ghal kaz in ezami.

Il-Gurisprudenza Nostrali abbracciat id-dotrina Ingliza li tirrigward il-kuncett ta' *"recent possession"* kemm ghal dak li jirrigwarda akkuzi ta' serq kif ukoll ghal akkuzi ta' ricettazzjoni. L-import ta' din id-dottrina hija enuncjata fis-sentenza ta' l-Appell Kriminali per Imhallef Onor. Vincent De Gaetano LL.D. fl-ismijiet **Pulizija vs. Emanuel Seisun u Puis sive Pio Micallef**:

*"There appears to have been widespread misundestanding of the so-called doctrine of recent possession. The "rule" (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be so directed: see* ***R. vs Loughlin,*** *35 Cr. App.R.65;* ***R. vs Seymour****, 38 Cr.App.R.68. This of course applies equally to thefts other then in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In* ***R. vs Smythe****, 72.Cr.App.R.8C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from* Cross on Evidence, 5th ed., p.49 (now 8th ed.p.35): *"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.*

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with other available evidence" (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126);*

*U aktar 'il quddiem jinghad:*

*What constitues "recent possession" depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case...In **R vs. Smythe**…Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgement said: "Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence." (para.21-320)"*

Illi l-fatti f'dan il-kaz juru li fiz-zmien ta' anqas minn siegha mill-*hold-up* li twettaq fuq il-banka tal-lottu '176' tan-Naxxar, l-imputat Raymond Abela kien diga' attiva tlett (3) *top-up vouchers* li kienu appena kemm gew misruqa f'din is-serqa minn hallelin armati u mghammda.

Illi skond it-tejorija ta' *recent possession*, din il-Qorti ghandha tevalwa l-ispjegazzjoni li jghati l-imputat biex tara

jekk hijiex verosimili jew jekk ghandiex tigi skartata bhala inveritiera.

Illi, bir-rispett kollu, l-ispjegazzjoni illi jghati Raymond Abela m'hijiex verosimili, hija kontradetta minn xhieda ohra u ma ghandha xejn mis-sewwa. Dan qieghed jinghad il-ghaliex min iwettaq *an armed robbery* u jahrab minn fuq il-post bil-manjiera kif fuq gie spjegat fid-dettal, ma jistghax fizikament jilhaq ibiddel, jiddeposita' u jahbi parti mir-res furtiva u jinzel, frisk frisk, jilghab il-*billiard,* il-Mosta, isib lil persuna ohra, jinnegozja u bejgh ta' *top-up vouchers*, f'temp ta' ferm inqas minn siegha. L-imputat jiprova jitfa' l-htija ta' dan il-*hold-up* fuq Jason Abela, li gie investigat mill-Pulizija u xehed quddiem din il-Qorti u bl-aktar mod vociferu, cahad kull allegazzjoni li ghamel l-imputat.

Illi, di piu', x-xhieda ta' l-imputat hija kompletament kontradetta mil-*barman* tal-*billiard hall* u mill-assistant tieghu li xehedu li l-imputat ma jafuhx u jghidu li ma kienx midhla tal-*billiard hall* hlief ghal sena **wara** l-akkuza (ara xhieda ta' Albert Caruana). Apparti minn dana kollu, hemm ix-xhieda okulari illi raw lil tlett (3) irgiel mghammda, johorgu mit-Toyota Corolla li ntuzat fil-*hold-up* u jidhlu fil-Opel Corsa tal-lewn abjad, karozza li bhala kellu l-imputat.

Illi jidher ampjament mix-xhieda illi din il-*hold-up* fuq il-banka tal-lottu '176' kienet mahsuba ferm minn qabel, illi saru s-serqiet preparattivi tal-vettura Toyota Corolla KAQ 048 sabiex jiffacilitaw il-harba innota minn fuq il-post u kien biss il-presenza ta' xhieda okulari pjuttost osservanti, li ghenu lil Pulizija jsolvu dan il-kaz.

Il-Prosekuzzjoni rnexxiela tiprova r-ricediva permezz ta' erba (4) sentenzi ezebiti u permezz ta' verbal ta' ezenzjoni da parti tad-Difiza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-impuat hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), is-sitt (6) akkuza, mhux hati tal-hames (5) akkuza, cioe dik ta' recidiva li hija alternattiva ghall-akkuzi ta' serq, li minnha tilliberah u wara li rat Artikoli 261(a)(b)(c)(e)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 269, 271, 275, 276, 277, 278, 279, 280, 281, 289, 86, 87, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 3 u 26 tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundannah ghal perijodu ta' prigunerija ta' sitt (6) snin**, li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta' f'arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------